Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1068/2011

tal-21 ta' Ottubru 2011

dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni enżimatika ta' endo-1,4-beta-ksilanaża prodotta minn *Aspergillus niger* (CBS 109.713) u endo-1,4-beta-glukanaża prodotta minn *Aspergillus niger* (DSM 18404) bħala addittiv fl-għalf għal tiġieġ mrobbija għall-bajd, dundjani għal skopijiet ta' tgħammir, dundjani mrobbija għat-tgħammir, speċijiet minuri ta' tjur oħrajn (għajr il-papri għas-simna) u għasafar ornamentali (detentur tal-awtorizzazzjoni BASF SE)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 277, 22.10.2011, p. 11)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/950 tat-2 ta' Ġunju 2017	L 143	5	3.6.2017

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1068/2011

tal-21 ta' Ottubru 2011

dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni enżimatika ta' endo-1,4-beta-ksilanaża prodotta minn *Aspergillus niger* (CBS 109.713) u endo-1,4-beta-glukanaża prodotta minn *Aspergillus niger* (DSM 18404) bħala addittiv fl-għalf għal tiġieġ mrobbija għall-bajd, dundjani għal skopijiet ta' tgħammir, dundjani mrobbija għat-tgħammir, speċijiet minuri ta' tjur oħrajn (għajr il-papri għas-simna) u għasafar ornamentali (detentur tal-awtorizzazzjoni BASF SE)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi żootekniċi" u mill-grupp funzjonali "sustanzi li jtejbu d-diġestibilità", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutrizzjoni tal-annimali, soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M1

ANNESS

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						Unitajiet ta' attività/kg tal-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
Kategorija tal-addittivi żootekniċi. Grupp funzjonali: sustanzi li jtejbu d-diġestibilità									
4a7	BASF SE	Endo-1,4-beta-ksilanaži (KE 3.2.1.8) Endo-1,4-beta-glukanaži (KE 3.2.1.4)	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Preparazzjoni ta' endo-1,4-beta-ksilanaži prodotta minn *Aspergillus niger* (CBS 109.713) u endo-1,4-beta-glukanaži prodotta minn *Aspergillus niger* (DSM 18404) b'attività minima ta': Forma solida: 5600 TXU ([1]) u 2500 TGU ([2])/g Forma likwida: 5 600 TXU u 2 500 TGU/g *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* endo-1,4-beta-ksilanaži prodotta minn *Aspergillus niger* (CBS 109.713) u endo-1,4-beta-glukanaži prodotta minn *Aspergillus niger* (DSM 18404) *Metodu analitiku* ([3]) Għall-kwantifikazzjoni ta' attività endo-1,4-beta-ksilanaži: il-metodu viskosimetriku bbażat fuq tnaqqis ta' viskożità prodott b'azzjoni ta' endo-1,4-beta-ksilanaži fuq is-substrat li fih il-ksilan (l-arabinoksilan tal-qamħ) b'pH 3,5 u 55 °C.	Speċijiet minuri ta' tjur għasimna (għajr il-papri għasimna) u għasafar ornamentali Tiġieġ imrobbija għall-bajd, u l-ispeċijiet minuri ta' tjur għall-bajd: Dundjani għal skopijiet ta' tgħammir, dundjani mrobbija għat-tgħammir:	—	280 TXU 125 TXU 280 TXU 125 TXU 560 TXU 250 TXU	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-istabbiltà matul il-proċess tat-tisħin. 2. Dożi rakkomandati għal kull kilogramma tal-għalf komplet: — speċijiet minuri ta' tjur għas-simna (għajr il-papri) u għasafar ornamentali: 280-840 TXU/125- 375 TGU; — tiġieġ imrobbija għall-bajd, u l-ispeċijiet minuri ta' tjur għall-bajd: 280-840 TXU/125- 375 TGU; — dundjani għal skopijiet ta' tgħammir, dundjani mrobbija għat-tgħammir: 560-840 TXU/250-375 TGU;	11.11.2021

▼M1

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjo-ni
						Unitajiet ta' attività/kg tal-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
			Għall-kwantifikazzjoni ta' attività endo-1,4-beta-glukanaża: il-metodu viskosimetriku bbażat fuq tnaqqis ta' viskożità prodott b'azzjoni ta' endo-1,4-beta-glukanaża fuq is-substrat li fih il-glukan (il-betaglukan tax-xgħir) b'pH 3,5 u 40 °C.					3. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tiegħu. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa kemm jista' jkun permezz ta' proċeduri u miżuri bħal dawn, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir ta' protezzjoni personali, inkluż protezzjoni għan-nifs u protezzjoni għall-ġilda.	

([1]) 1 TXU huwa l-ammont ta' enżima li jillibera 5 mikromoli ta' zokkor riduċenti (ekwivalenti ta' ksilożju) mill-arabinoksilan tal-qamħ fil-minuta b'pH 3,5 u 55 °C.
([2]) 1 TGU huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 1 mikromolu ta' zokkor riduċenti (ekwivalenti tal-glukożju) minn ß-glukan tax-xgħir fil-minuta b'pH 3,5 u 40 °C.
([3]) Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports